# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 355/13 NHV

Numru fuq il-Lista: 28

**GasanMamo Insurance (C-3143)**
**hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha**
**Andrew Falzon (KI: 385568-(M)) sija fil-polza u sija bil-liġi,**
**u l-istess Andrew Falzon**

**vs.**

**Carmel Grixti (KI: 25667-(M))**
**u**
**Angela J. Farrugia (KI: 948348-(M))**
**Fil-kapaċità tagħhom bħala komproprjetarji ta' għalqa fi Triq id-Dejqa ż-Żurrieq**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2013, li permezz tiegħu

> l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti, in solidum u bejniethom, sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija, erbgħa u sittin ewro u tlettax–il ċenteżmu (€764.13c) rappreżentanti danni sofferti mill-atturi insegwitu ta' inċident illi seħħ fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2011, meta ħajt konfinanti proprjetà ossija għalqa tal-konvenuti fi Triq id-Dejqa, iż-Żurrieq ċeda għal fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI-445 proprjetà tal-assikurat tas-soċjetà attriċi, u liema vettura kienet ipparkeġġjata - u dana stante illi l-istess inċident seħħ unikament tort tal-konvenuti u minħabba traskuraġni, imperizja u negliġenza da parti tagħhom wara li naqsu milli jżommu l-ħajt inkwistjoni fi stat ta' manutenzjoni tajba u xierqa.
>
> Illi, s-somma mitluba tinkludi wkoll l-ammount ta' mija u għaxar ewro (€110.00) imħallsa bħala excess mill-assikurat tas-soċjetà attriċi, Andrew Falzon, illi kien assikurat taħt il-polza *"comprehensive"* maħruġa mis-soċjetà assikurattriċi attriċi, li da parti tagħha ħallset il-bilanċ rimanenti tad-danni.
>
> Interpellati sabiex iħallsu permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Mejju 2013, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.
>
> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Mejju 2013 u bl-imgħaxijiet mid-9 ta' Mejju 2013 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenuti** ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2013, fejn huma eċċepew:

> Illi preliminarjament, dan it-Tribunal ma għandux il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza *rationae materiaie* sabiex jieħi konjizzjoni u jiddetermina l-kawża fl-ismijiet premessi u dana ai termini tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387).
>
> Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi l-konvenuti ma kinux responsabbli għad-danni reklamati u peress illi mhuwiex minnu illi tali

danni ġew ikkawżati minħabba negliġenza, traskuraġni u imperizja da parte tal-konvenuti kif allegat fit-talba.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra illi fil-21 ta' Jannar 2014 dan it-Tribunal ta **sentenza preliminari** rigward il-kompetenza *rationae materiae* ta' dan l-istess it-Tribunal illi permezz tagħha ċaħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti illi dan it-Tribunal m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jisma' dan il-każ u fil-waqt li ddikjara ruħu kompetenti, ordna l-prosegwiment tal-kawża, sabiex jiġi trattat il-mertu.

**Provi**

Sema lill-attur **Andrew Falzon,** propjetarju tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI-445. Dana spjega illi din il-vettura fil-lejl tal-25 ta' Ottubru 2011 kienet ipparkjata fi Triq id-Dejqa, ż-Żurrieq. L-għada fis-26 ta' Ottubru, fi x'ħin ħareġ għax-xogħol, għall-ħabta tas-6:30am, sab ġebel arbulat għal fuq il-vettura li hija vann. Huwa kien ipparkjat madwar pied u nofs il-bogħod minn dan il-ġebel. Dana l-ġebel setgħa waqa' minn ħajt li kien hemm biswit il-karozza tiegħu, liema ħajt kien ħajt tal-kantun. Meta pparkja il-vettura tiegħu hemmhekk ma nnota xejn f'dan il-ħajt. Fil-post fejn ipparkja l-vann ma kienx hemm sinjali li ma tistax tipparkja l-vann. Huwa ra li l-ħajt kien immermer iżda ma ħassx li kien ser jaqa'. Id-danni kkaġunati fuq il-vann kienu għafsa fil-bieba ta' wara u għafsa fil-kaxxa tal-vann mill-pilastru lura. Huwa ħallas excess ta' mija u għaxar ewro (€110).

Sema' lill-konvenut **Carmel Grixti** fejn dan xehed li hu ma kien jaf xejn dwar l-inċident għaliex huwa ma ra xejn. Dwar il-kundizzjoni tal-ħajt, wara li waqa', sar jaf li dana ma kienx mibni sew għax il-Perit qallu li ma kienx ingaljat fil-ħajt. Dana kien ħajt tal-kantun u cioe ħajt normali mhux xi ħajt tas-sejjieħ. Il-ħajt ma kienx imqabbad mal-ħajt l-ieħor iżda kien sempliċiment ġebel impoġġi. Qabel ma waqa' ma setgħux jindunaw b'dan għaliex il-ġebel kienu mpoġġijin fejn xulxin u kienu mwaħħlin b'xi naqra tajn. Spjega li kien irċieva telefonata mill-Għassa tal-Pulizija fejn kienu qalulu

biex jinżel l-Għassa u huwa kien mar. Xehed li huwa għandu parti minn sitta minn din l-għalqa għaliex hu u oħtu Patricia Camilleri għandhom terz bejniethom.

Sema' wkoll lill-konvenuta **Angela Farrugia** li dwar dan l-inċident saret taf mill-Pulizija għaliex kienu ċemplulha u hi għaldaqstant marret l-Għassa. Spjegat li s-sehem tagħha minn din l-għalqa huwa ta' sehem minn ħamsa mit-terz li għandha l-familja tagħha, jiġifieri hi u erba' ħutha flimkien għandhom terz ta' dina l-għalqa. Spjegat li t-triq kienet dejqa u li ġiet imwessa billi l-Gvern ħa parti minn din l-għalqa. Qalet li dan il-ħajt li kien ċeda kien ġie mibni mill-Gvern wara li ħadilhom il-ġnejna, parti minn din l-għalqa.

**Konsiderazzjonijiet**

It-tribunal huwa tal-fehma illi r-responsabilita tal-inċident hija tas-sidien tal-għalqa li għandhom jieħdu ħsieb li jżommu l-ħajt fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Fil-każ odjern, jidher illi s-sidien naqsu minn din ir-responsabilita` tagħhom, bil-konsegwenza li l-ħajt waqa' u kkawża d-danni fuq il-vettura li nzertat ipparkjata ħdejh.

Biex saru jafu minn huma s-sidien tal-għalqa, kienu l-Pulizija li għamlu xi investigazzjonijiet fejn saru jafu li tnejn mill-kompropjetarji tal-għalqa kienu l-konvenuti. Fir-rapport tal-Pulizija ntqal: "*Minn aktar stħarriġ li sar, kien magħruf illi l-imsemmi plot jikkonċerna lil ċerti Carmelo Grixti ID:25667-M, Ġolina Farrugia ID:948348-M, liema persuni meta ġew mitkellma mill-Pulizija żvelaw li l-plot u l-ħajt in kwistjoni huwa wirt f'isimhom fost diversi persuni oħra liema persuni ma kienux identifikati.*"

Min-naħa attriċi, anke jekk *ab initio* kienu jafu li l-konvenuti kienu biss tnejn minn ħafna sidien, ma komplewx bir-riċerki tagħhom biex setgħu jintavolaw il-kawża kontra s-sidien kollha. Anke mal-preżentata tar-risposta tal-konvenuti, l-atturi ma talbux lill-konvenuti jiżvelaw min huma l-werrieta u s-sidien l-oħra tal-art, sabiex ikunu jistgħu jiġu kkjamati fil-kawża.

L-atturi jsostnu li l-konvenuti ma ġabux prova li m'humiex *sole owners*. It-Tribunal skont id-dettami stabbiliti tal-ġurisprudenza tagħna jgħid li min jallega jrid jipprova. L-atturi ma ġabu ebda prova li l-konvenuti huma sidien tal-għalqa – la weħidhom u lanqas ma terzi. Madankollu, il-konvenuti ammettew li huma flimkien ma' oħrajn huma s-sidien tal-għalqa u t-Tribunal qiegħed jemminhom. Jemminhom ukoll meta jgħidu x'ishma għandhom minn din l-għalqa u dana stante li ma nġabitx prova kuntrarja. L-unika prova li nġiebet hija x-xhieda tal-konvenuti stess u għalhekk it-Tribunal qiegħed jistrieħ fuqha.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuti jistgħu jerfgħu biss ir-responsabilita tal-akkadut skont is-sehem tagħhom mill-għalqa. M'huwiex il-każ li huma jinstabu

esklussivament responsabbli għall-inċident għan-nom tas-sidien l-oħra. Lanqas ma jista' it-Tribunal jikkundanna persuni li m'humiex imħarrka quddiemu u li lanqas biss ġew identifikati fl-atti.

Għaldaqstant il-konvenut Carmel Grixti għandu jerfa' parti minn sitta tad-danni kkawżati li komplessivament laħħqu għal seba' mija, erbgħa u sittin ewro u tlettax–il ċenteżmu (€764.13c). Jirriżulta għalhekk li s-sehem tiegħu huwa ta' mija, sebgħa u għoxrin ewro, sitta u tletin ċenteżmu (€127.36c). Il-konvenuta Angela Farrugia għandha terfa' sehem minn ħmistax u għalhekk hija responsabbli għal ħamsin ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€50.94c).

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' mija, tmienja u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€178.30c) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Carmel Grixti sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija, sebgħa u għoxrin ewro, sitta u tletin ċenteżmu (€127.36c) u jikkundanna lill-konvenuta Angela J. Farrugia sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħamsin ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€50.94c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tas-sentenza preliminari, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur